**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 17 ta' Ottubru 2017**

**Rikors Guramentat Numru:- 20/2015JVC**

**Ganni Attard**

**Vs**

**Tabib Dr. Frank Galea**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li ppremetta:

1. Illi l-esponenti huwa rahhal li kien jiehu hsieb numru ta' naghag fir-Razzett fl-inhawi maghrufa bhala 'Tal-Pirwilin', limiti tal-Gharb, Ghawdex;

2. Illi l-esponenti beda jaghmel din l-attività tat-trobbija tan-naghag l-ewwel darba lura bejn is-snin elf disà mija u hamsa u disghin (1995)

u elf disà mija u sitta u disghin (1996) liema attività kienet debitament rikonoxxuta, u l-merhla ta' madwar tlieta u sittin (63) naghga kienet irregistrata mad-Dipartiment Veterinarju jigifieri l-imsemmija naghag kollha kellhom l-ear tag;

3. Illi matul dan iz-zmien illi huwa kien jiggestixxi din l-attività huwa qatt ma kellu problema ma' l-Awtoritajiet wisq anqas mad-Dipartiment Veterinarju;

4. Illi rrizulta li l-gestjoni tat-trobbija tan-naghag ma baqghetx aktar vjabbli u infatti fl-elf disà mija u sitta u disghin (1996) l-esponenti kien ittrasferixxa n-naghag kollha tieghu fuq certu John Axisa mill-Fgura, Malta;

5. Illi matul dan iz-zmien l-esponenti kien integra ruhu tajjeb fil-qasam tat-trobbija tan-naghag u infatti kien jaf il-procedura kollha ta' l-istess trobbija tan-naghag kif ukoll ir-rekwiziti kollha li kellu jkun konformi maghhom skont il-Ligi;

6. Illi f'Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010), l-esponenti xtara sebghin (70) harufa minghand certu Carmel Portelli ta' 14, Triq il-Qortin, Nadur, Ghawdex, minn liema razzett kien irregistrat u l-bhejjem kollha kellhom l-ear tag. Dawn il-hrief kellhom madwar tlett (3) ijiem biss. L-esponenti kien biss interessat illi jakkwista naghag li jkunu registrati minn razzett irregistrat, u dan ghaliex kien konsapevoli mill-htiega tar-registrazzjoni tal-bhejjem kif ukoll illi

peress li ommhom tkun bl-ear tag, allura dawn ikunu hielsa mill-mard;

7. Illi meta dawn il-hrief bdew jikbru u kellhom madwar hames (5) xhur, u ghalhekk madwar xahar qabel tkun necessarja r-registrazzjoni taghhom skont il-Ligi, u dan in vista li r-registrazzjoni jehtieg illi ssir meta dawn ikollhom sitt (6) xhur, l-esponenti kien mar fil-Biccerija, ix-Xewkija, Ghawdex u kellem lill-konvenut, it-Tabib Dr. Frank Galea;

8. Illi l-esponenti kien mar ikellem lill-konvenut dwar l-imsemmija naghag u dan kien baghat lill-esponenti sabiex ikellem lill-iskrivan Joseph Mifsud;

9. Illi kemm is-Sur Mifsud, kif ukoll il-konvenut Galea kellhom jaghmlu l-verifiki taghhom u kellhom jaghtu r-risposta dwar dan lill-esponenti;

10. Illi l-esponenti kien mar diversi drabi fil-Biccerija, Xewkija, Ghawdex, u anke kien kellem lill-istess konvenut fil-clinic privat tieghu rigward ir-registrazzjoni tan-naghag, izda l-konvenut kien ta l-parir lill-esponenti sabiex jaccedi fil-biccerija sabiex jitkellem dwar ir-registrazzjoni tan-naghag hemmhekk;

11. Illi l-ahhar darba li l-esponenti kien tkellem mal-konvenut Galea fil-Biccerija, l-istess konvenut kien refà idu 'l fuq u kien serrah mohh l-esponenti u qallu biex ma jhabbel mohhu xejn, l-importanti kien illi

hu jaf bihom u dan mhux biss fuq ir-Registrazzjoni tan-naghag izda anke fuq il-qisien tal-kamra tal-gbejniet, kif jinsab ikkonfermat mit-Tabib Frank Galea stess fix-xhieda tas-sitta (6) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tnax (2012) fil-kawza numru 114/2012 fl-ismijet Ganni Attard vs Dipartiment Veterinarju u Photosanitary Regulation;

12. Illi fit-tlieta (3) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tnax (2012) l-esponenti nizel jaghlef in-naghag filghodu kmieni u ghall-habta tad-9:00 a.m. l-iSpettur Frank Anthony Tabone arresta lill-esponenti minn quddiem il-posta tal-Gharb u gie nfurmat illi kien gie arrestat peress illi n-naghag ma kellhomx ear tag u gie nfurmat mill-iSpettur ukoll li kienu gejjin xi Maltin ghan-naghag;

13. Illi eventwalment jirrizulta illi sakemm l-esponenti kien jinsab arrestat u qabel ma huwa kien intavola l-proceduri necessarji quddiem din l-Onorabbli Qorti, parti sostanzjali tal-merhla, jigifieri mitejn u sittax (216)-il naghga kienu gew maqtula brutalment fir-razzett stess;

14. Illi dawn in-naghag kienu kollha gejjin bit-tieni wild taghhom, kellhom ghalhekk sentejn u ghaxar xhur kif ukoll kienu kollha waslu fl-ahhar hmistax tat-tqala taghhom, tant hu hekk illi kienu digà ferrghu tlieta (3) minnhom;

15. Illi dan kollu gara minhabba illi l-imsemmija naghag ma kellhomx l-ear tag necessarja u ghalhekk kienet inharget l-ordni sabiex tinqatel il-merhla;

16. Illi l-esponenti ghamel dak kollu mehtieg sabiex huwa jkun jistà jirregistra l-imsemmija naghag u infatti kien tkellem mal-konvenut dwar id-debita registrazzjoni tan-naghag u l-qisien tal-kamra tal-gbejniet;

17. Illi l-konvenut naqas milli jinforma lis-superjuri tieghu fosthom Dottor Anthony Gruppetta, id-Direttur Generali tad-Dipartiment Veterinarju u Photosanitary Regulation, meta huwa sar jaf bin-naghag tal-esponenti f'Lulju tal-elfejn u ghaxra (2010);

18. Illi barra minn hekk il-konvenut naqas milli josserva d-dettami tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Harsien Xieraq ta' l-Annimali u dan meta kien kostrett illi jhares, jipprotegi u jsalva l-hajja ta' kull annimal;

19. Illi ghahekk huwa naqas serjament mill-obbligi tieghu naxxenti mil-Ligi u per konsegwenza ta' dan il-merhla ta' l-esponenti kienet giet decimata u maqtula fuq il-post fir-razzett stess u dan a dannu u detriment ta' l-istess esponenti;

20. Illi barra minn hekk, b'abbuz tal-poter u b'nuqqas ta' l-istess konvenut, ma sarux it-testijiet necessarji u testijiet li saru wara l-qatla fuq il-merhla, irrizulta li l-ebda wahda ma kienet marida – illi minkejja li l-konvenut kien jaf minn gurnata qabel li l-merhla ser tinqatel kollha, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza kif ukoll kif xehed ben tajjeb l-istess konvenut, huwa naqas milli jew jaghmel hiltu kollha sabiex jipprotegi l-hajja tal-imsemmija naghag

u dan b'dannu ta' l-istess attur bi ksur tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

21. Illi apparti dan kollu l-merhla tal-attur ilha mid-data ta' l-incident, tlieta (3) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tnax (2012) sal-gurnata ta' llum, tinsab mghassa permezz ta' fixed point kuljum minn zewg (2) kuntistabbli fir-razzett proprjetà tal-istess attur u ghalhekk ma jistà jaghmel xejn bin-naghag ezistenti;

22. Illi per konsegwenza ta' l-agir tal-konvenut, l-attur sofra danni ngenti rapprezentanti t-tnehhija u l-qatla tan-naghag tal-attur, danni morali minhabba l-azzjonijiet fil-konfront tal-attur, kif ukoll telf ta' qliegh mcahhad lill-attur minhabba tali azzjonijiet jew nuqqas taghhom da parti tal-konvenut;

23. Illi l-esponenti ghamel diversi talbiet lill-konvenut sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni izda l-konvenut dejjem baqà inadempjenti;

24. Illi permezz ta' kawza ta' Jattanza pprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali (Rik. Gur. Nru. 61/2014) il-konvenut talab sabiex l-attur igib 'il quddiem b'kawza l-pretenzjonijiet tieghu, liema talba giet akkordata permezz ta' sentenza ta' l-istess Onorabbli Qorti tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar, 2015 u pprefiggiet terminu ta' tliet (3) xhur lill-attur sabiex jaghmel dan;

25. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenut naqas milli josserva l-Liġi u naqas fl-obbliġi tiegħu illi jagħmel dak kollu neċessarju sabiex meta sar jaf bil-merħla tal-attur jirreġistra l-istess merħla;

2. Tiddikjara illi l-konvenut bl-azzjonijiet tiegħu u/jew bin-nuqqas ta' aġir tiegħu kkawża l-qatla tal-merħla ta' l-attur u dan a dannu ta' l-istess attur;

3. Tillikwida l-ammont ta' danni, danni morali, u telf ta' qligħ naxxenti minn tali nuqqas u dan anke permezz tal-ħatra ta' perit/i nominandi;

4. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex iħallas l-ammont ta' danni, danni morali u telf ta qligħ hekk kif likwidati fi żmien qasir u perentorju;

Bl-ispejjeż, inkluż tal-Ittra Uffiċjali Numru 382/2014; tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru /2015 u tal-Mandat ta' Sekwestru Numru /2015 prezentati kontestwalment u bis-subizzjoni kontra l-istess konvenut li minn issa għaliha huwa ngunt.

Rat ir-Risposta Guramentata tat-Tabib Dottor Frank Galea fejn ikkonferma:

Illi d-domandi attrici huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih ghar-ragunijiet li gejjin:

1. Preliminarjament illi l-eccipjenti, fil-kwalita' tieghu personali, kif imharrek, mhux il-legittimu kuntradittur u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u in via preliminari wkoll anke minn dak stess li ndika bil-gurament tieghu l-attur, kemm f'dawn il-proceduri kif ukoll fi proceduri ohra illi Attard kien inizja kontra d-Direttur Generali fid-Dipartiment Veterinary and PhytoSanitary Regulation ghandu jirrizulta minghajr ebda dubju u b'mod inekwivoku illi ma kienx l-eccipjenti li kien ha d-decizjoni amministrattivia li permezz taghha l-bhejjem ta' l-attur gew maqtula sabiex anke jekk, ghall-grazzja biss ta' l-argument tali decizjoni ma kellhiex mis-sewwa, l-esponenti, li qatt ma ha hu dik id-decizjoni ma jista' qatt jinsab responsabbli ghal kwalunkwe konsegwenza li sehhet wara t-tehid ta' dik id-decizjoni u dan anke fil-vesti tieghu bhala Tabib Veterinarju mpjegat mal-Ministeru ta' Ghawdex.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet u in via preliminari wkoll ma jista' qatt ikun illi l-attur, ben konsapevoli illi:

a. Ma kellu l-ebda permess mahrug mill-awtorita' kompetenti illi huwa jrabbi l-bhejjem;
b. Rabba bhejjem li l-provenjenza taghhom ma kinitx maghrufa meta dan kien jaf sewwa illi dan ma jistax isir u jekk jinqabad, kif inqabad, il-merhla tieghu kienet tigi maqtula;
c. Rabba bhejjem li ma kinux itteggjati u baqa' jrabbihom kif ghadu ghal snin twal;
d. Kien irabbi l-istess bhejjem f'lok/razzett li ma kienx illicenzjat ghal dak l-iskop;
e. U di piu rabba l-istess bhejjem f'lok lanqas biss kien kopert bil-permessi tal-MEPA ahseb u ara bil-permessi sanitarji u permessi ohra li minghajrhom wiehed huwa strettament ipprojbit milli jaghmilha ta' rahhal;
f. Dan kollu ghandu jindika biss illi n-naghag maqtula la darba kienu naghag illegali u li z-zamma taghhom kienet zamma kontra l-precetti kollha ta' ligijiet veterinarji sanitarji u ligijiet ohra kif ukoll att kriminali l-istess naghag ma kellhom l-ebda valur affattu ghaliex *extra commercium*.

Jigi issa jippretendi, kif qed jaghmel f'dawn il-proceduri illi l-konsegwenzi li sofra minhabba d-diversi llegalita' minnu ppercepita jdawwarha fuq l-esponenti u/jew fuq l-awtoritajiet koncernati.

4. Illi fil-mertu d-decizjoni mehuda mid-Direttur Generali tad-Dipartiment Veterinary and PhytoSanitary Regulation giet distrutta l-merhla li dwarha l-attur qed jilmenta kienet decizjoni

skont il-ligi, decizjoni korretta u decizjoni li kieku ma ttehditx, kienet tkun l-awtorita' kompetenti li kienet tkun kisret il-ligi li kieku ma ghamlitx li ghamlet, kollox kif jigi spjegat izjed dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet supra u fil-meritu d-danni li qed jallega li sofra Ganni Attard u cioe' s-somma ta' izjed minn miljun u nofs ewro kif minnu ndikata fil-mandat ta' sekwestru li huwa ntavola simultanjament mal-prezentata ta' din il-kawza huwa ammont li jirrisali ghar-redikolu billi huwa maghruf fis-suq tat-trobbija u l-bejgh tal-merhliet ta' naghag. Illi l-valur fis-suq tan-naghag meta dawn ghandhom jigu ttegjati qabel ma jaghlqu l-eta' ta' hames xhur u meta dawk ikun ghadhom hrief ikunu ta' cirka €80 filwaqt illi meta naghga tikber u jkun ser ikollha l-hrief, il-valur taghha jkun ta' cirka €140. Dan il-valur naturalment huwa ta' hrief u naghag li jkunu qed jigu mrobbija legalment u mhux klandestinament u kontra l-ligi u allura fejn il-valur taghhom f'dan il-kaz ikun valur sostanzjalment inqas.

Billi l-ammont ta' naghag li gew maqtula bl-ordni tad-direttur generali kien dak ta' cirka 210 il-valur fis-suq taghhom kien biss frazzjoni ckejkna jekk mhux anke redikola tal-ammont ta' izjed minn miljun u nofs ewro li qed jippretendi li kien il-valur ta' dawn in-naghag Attard, qabel din l-ordni u cioe' ta' cirka parti minn 52 parti cirka (1/52) ta' dak l-ammont.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti, ritratti, cd's u l-provi kollha li tressqu fl-atti;

Rat l-atti kollha annessi;

Rat illi fil-verbal tat-18 ta' Mejju, 2016 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti ta' din il-kawza tista' tghid gew ghall-aktar minn darba elenkati minn Qrati ohra f'kawzi li saru relatati mal-istess kaz b'mod partikolari fil-kaz bin-numru 114/2012 fl-ismijiet Ganni Attard Vs Direttur Generali tad-Dipartiment Veterinary and PhytoSanitary Regulation deciza mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli datata 11 ta' Lulju, 2014 (u konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar id-29 ta' Jannar, 2016 fejn il-fatti gew esposti kif isegwi:

'Fl-ewwel lok hemm il-htiega li l-Qorti tirreferi ghal dawk il-fatti li rrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza:

- L-attur Ganni Attard kien qieghed irabbi merhla naghag li kienet fl-ammont ta' cirka erba' mija u hames mitt naghga fis-sit maghruf bhala Tal-Pirwilin, fl-Gharb, Ghawdex. Huwa beda jrabbihom sa minn Jannar 2010.

- Huwa kien xtara mas-70 jew 80 haruf ta' tlett/hamest ijiem minghand certu Carmel Portelli. Dan ta' l-ahhar kien rahhal registrat u anki l-farm tieghu u n-naghag tieghu kellhom ukoll it-takka tal-identifikazzjoni ufficjali fil-widna ossija l-misluta tac-comb.

- Irrizulta li l-attur kellu permess biex irabbi n-naghag u fil-fatt hekk kien jaghmel u n-naghag tieghu kienu registrati. Izda dan kien fl-1995/1996 u kien registrat fuq San Lawrenz u mhux fuq is-sit inkwistjoni. Oltre' dan irrizulta li huwa kien ghamel transfer.

- F'Lulju 2010 l-attur mar ghand Dr Frank Galea li min-naha tieghu indirizzah biex imur il-biccerija ossija id-dipartiment veterinarju ta' Ghawdex ghand Joe Mifsud. Filwaqt li l-attur isostni li Dr Galea kien jaf li huwa kellu n-naghag, dan ta' l-ahhar jichad kategorikament u jsostni li l-attur meta kellmu kien mar jindaga u jistaqsi kif kien se jaghmel biex jibda jrabbi n-naghag u l-moghoz u tkellmu wkoll fuq xi produzzjoni ta' gbejniet.

- L-attur mar u meta Joe Mifsud ipprova jfittxu ma sabuhx fuq is-sistema u dak il-hin ifformolaw draft ta' dikjarazzjoni biex jghinuh. L-attur ma regax mar id-dipartiment.

- Fit-2 ta' Novembru 2012, it-Tabib Veterinarju Duncan Chetcuti Ganado mid-dipartiment tas-Servizz Veterinarju u s-sur Manwel Buhagiar mid-Direttorat tat-Trattament Xieraq ta' l-Annimali telghu Ghawdex sabiex jispezzjonaw ic-Cirku li kien armat f'Ghajnsielem, Ghawdex. Wara li spezzjonaw ic-cirku marru jispezzjonaw postijiet ohra li dwarhom kellhom rapport ta' attivita' illegali. Fost dawn ir-rapporti kien hemm rapport relattiv ghal razzett fil-limiti ta' San Dimitri, Ghawdex. Mill-ispezzjoni li saret fuq ir-razzett indikat instab li kollox kien in regola. Kif l-ufficjali hargu mir-razzett lemhu lill-attur b'merhla naghag imdaqqsa li kienet qeghdha tirgha fl-eghlieqi fl-istess zona ta' San Dimitri. Hemmhekk l-ufficjali ndunaw li ma kellhomx takka tal-identifikazzjoni ufficjali fil-widna. L-ufficjal mid-dipartiment tas-servizz veterinarju kkuntatja ufficjal iehor sabiex jivverifika dan il-fatt minn National Livestock Database minfejn irrizulta li ma kien hemm l-ebda permessi li jkopru l-attivita'. L-ufficjal informa lill-attur dwar dan u staqsih ghal spjegazzjoni l-ghaliex l-annimali ma kellhomx identifikazzjoni izda Dr Chetcuti Ganado xehed li l-attur qallu li ma kellux bzonn li jottjeni l-ebda permess biex irabbi n-naghag. Kien wara tali verifiki li Dr Chetcuti Ganado ikkomunika ma' Dr Gruppetta sabiex jinfurmah dwar il-fatti u sabiex jikkonferma x'linja ta' azzjoni kellha tittiehed. Gie deciz li l-annimali kellhom jigu distrutti.

- Irrizulta mix-xhieda ta' Mark Cini[1] li fuq is-sit tal-Pirwilin fl-Gharb, Ghawdex bhalissa m'hemmx permess. Huwa spjega li biex persuna zzomm farm ghandha bzonn permess tal-izvilupp u hemm policy li

[1] Senior Planning Officer mad-Direttorat tal-Ippjanar fil-MEPA fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2014

tirregola dak li huwa necessarju. Huwa xehed li l-permess tal-izvilupp huwa permess normali ta' bini li f'dan il-kaz ta' farm imbaghad ikun hemm bzonn *clearances* mid-dipartiment tal-agrikoltura, mid-dipartiment tas-servizzi veterinarji, mid-dipartiment tas-sahha pubblika, mill-MRA u mis-sezzjoni tal-ambjent. Il-process tal-permess ikun wiehed fis-sens li ssir applikazzjoni tal-izvilupp wahda izda matul il-process tal-permess jintalbu li jingiebu l-*clearances* appena msemmija u l-proposta tkun trid tigi *endorsed* mid-dipartimenti kollha msemmija.

Mark Cini xehed li saru xi applikazzjonijiet matul iz-zmien fuq dan is-sit mill-attur. Fl-1994 kien inhareg Avviz ta' Nfurzar ghaliex kien qieghed isir xoghol minghajr permess.

L-ewwel rekord li sab kienu l-applikazzjonijiet PA 425/94 u PA4314/94 li saru sabiex jigi regolarizzat l-izvilupp li kien sar. Dawn l-applikazzjonijiet kienu gew michuda. Gew intavolati l-appelli li kienu gew michuda ukoll. Wara l-appelli, l-Avviz tal-Infurzar ECF 846/94 gie riferut biex jitnehha l-bini llegali u jitnehha l-izvilupp illegali fuq il-post. Kien irrizulta li matul iz-zminijiet tkomplew xi zviluppi ohra fuq is-sit u dan dejjem minghajr permessi u bi ksur tal-Avviz biex Tieqaf mit-Twettiq.

Saret ukoll applikazzjoni fl-1998 li giet ukoll rifjutata fl-appell. Saru diversi spezzjonijiet minhabba l-infurzar. Xehed ukoll li fl-2006 saret talba sabiex permezz tal-procedura ta' development notification

order fis-sit jinbena gibjun u titpogga xi hamrija addizzjonali fl-eghlieqi izda t-talba ma ntlaqghetx.

L-enforcement order ghadu pendenti sabiex l-Awtorita' tiddeciedi hux se jkun hemm azzjoni ohra jew billi tmur tnehhi l-azzjonijiet illegali.

Fil-frattemp u prezentement hemm *'request for screening'* li hija talba sabiex l-izvilupp li hemm fuq il-post jigi regolarizzat u jsir farm. Din giet prezentata wara l-bidu tal-proceduri odjerni. Ix-xhud spjega li trid tinhareg *screening letter* biex l-applikant ikun notifikat x'rapporti ghandu bzonn u fejn il-proposta taqbel jew ma taqbilx mal-*policy.* Wara li tohrog l-*iscreening letter* l-applikant ikollu perjodu taz-zmien li jkun stabbilit sabiex jikkonferma li jrid jipprocedi bl-applikazzjoni u wara li jkun issottometta d-dokumenti kollha mitlubin fl-*iscreening letter,* tkun tista' tigi validata l-applikazzjoni biex jibda l-process tal-applikazzjoni ghall-izvilupp. Sa meta xehed kienet intalbet estensjoni sabiex tinhareg l-iscreening letter.

- Irrizulta mix-xhieda ta' Joseph Zammit[2] li hemm zewg linji tad-data – (i) l-ewwel jibdew jillicenzjaw il-premises. F'dan l-istadju jaraw x'permess tal-MEPA hemm, jivverifikaw jekk ir-razzett hux approvat minhabba l-animal welfare u jaraw ir-rekwiziti kollha tal-premises. Meta l-premises jigu approvati mid-dipartimenti kollha jiddahhal fid-database bhala dak ir-razzett li huwa registrat li jista' jrabbi l-annimali go fih; (ii) is-sistema l-ohra hija li jirregistraw l-annimal

[2] Seduta tad-9 ta' Jannar 2014, Database coordinator fid-dipartiment tas-servizzi veterinarji

partikolari. L-ewwel jibdew meta l-annimal jitwieled – jiccekkjaw is-sess tieghu, l-origini tieghu ossija min kienet ommu u mnejn gej biex ikollhom traccabilita' ta' minfejn gie dak l-annimal. Fuq id-database se ssib in-numru tal-annimal tat-tag li jkunu wahhlulu tal-individual identification. Ikollhom ukoll id-data tat-twelid ghaliex dik tiddetermina ghal certu testijiet 'il quddiem bhalma huma tal-BSE ecc u jiccekkjaw ommu min kienet biex jekk ikun hemm xi mard li jittiehed genetikament ikollhom dak ir-rekord fis-sistema komputerizzata wkoll. Ladarba l-annimal ikun dahal fid-database jigi abbinat mal-premises li jkun registrat u jkunu jafu li fi premises partikolari hemm tant annimali.

- Ix-xhud spjega wkoll li meta razzett ikun irid jixtri annimali minn razzett iehor irid jitlob permess lid-dipartiment. L-ewwel tintalab *a temporary movement permit* u jiccekkjaw li z-zewg irziezet huma registrati skont il-procedura taghhom, li l-annimali qeghdin imdahhlin skont ir-regolamenti, skont l-istatus tal-farms jaghmlu l-moviment. Jekk razzett ghandu mard u l-iehor le ma jinghatax permess li jiccaqalqu l-annimali biex ma jkunx hemm tixrid ta' mard.

- Mill-verifiki li ghamel huwa stess cioe' mid-database ma ghandu xejn irregistrat fuq is-sur Attard u lanqas il-premises mhuma registrati. Ghaldaqstant l-attur mhux approvat mid-dipartiment li jistghu jinzammu l-annimali.

- In kontro-ezami x-xhud spjega li rahhal ghandu sitt xhur biex jirregistra lill-annimal li twieled izda jekk dak l-annimal ikun sa jiccaqlaq qabel irid jigi registrat qabel xejn minhabba t-traccabilita'.

- Proprju minhabba dawn l-illegalitajiet li fihom kien qieghed jopera l-attur il-konvenut wara li saru l-verifiki ordna li l-annimali kollha jinqatlu. Fil-fatt, is-Sibt 3 ta' Novembru 2012 beda l-qtil ta' l-annimali u li kieku ma kienx ghall-mandat ta' inibizzjoni l-annimali li sal-lum ghadhom hajjin kienu jinqatlu wkoll.'

Illi l-kawza odjerna giet intavolata mill-attur fil-konfront tal-konvenut il-veterinarju Dr. Frank Galea stante li l-attur isostni illi kieku l-konvenut lura f'Lulju, 2010 irregistralu l-hrief (madwar 70), qabel ma ghalqu s-sitt xhur minn meta dawn twieldu, allura skont l-attur l-qatla ta' kwazi nofs il-merhla f'Novembru 2012 ma kinitx isehh. Konsegwenza ta' hekk l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li l-konvenut naqas milli josserva l-ligi u naqas fl-obbligi tieghu sabiex tigi registrata l-merhla u konsegwentement qed jitlob li jigu likwidati d-danni sofferti favur tieghu. L-attur qed jallega wkoll li ai termini tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Harsien Xieraq ta' l-Annimali l-konvenut kellu l-obbligu li jwaqqaf il-qatla ta' kwazi nofs il-merhla fit-3 ta' Novembru, 2012.

Da parti tieghu l-konvenut Galea jichad kategorikament li huwa seta' ghamel xi haga ohra oltre dak li ghamel mal-attur fil-vesti tieghu ta' tabib vetrinarju assenjat fil-Gzira t'Ghawdex u jinsisti li hu ma kienx jaf bil-merhla ta' Ganni Attard lura f'Lulju 2010 u wkoll li huwa ma kellu

x'jaqsam xejn mad-decizjoni li wasslet ghall-qatla ta' kwazi nofs il-merhla f'Novembru, 2012. Jeccepixxi li legalment huwa qatt ma seta' jirregistra l-hrief tal-attur stante li kien l-attur li principalment ma mexiex mal-procedura. Jeccepixxi wkoll li mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

Illi apparti l-fatti suesposti kif jirrizulta mill-atti tal-kawza 114/2012 ghal-liema kawza saret referenza ampja f'dawn il-proceduri, jirrizulta wkoll lil din il-Qorti dak li jsegwi:

1. Illi lura fis-sena 2010, skont l-attur f'Jannar (ghalkemm f'xhieda partikolari f'atti annessi esebiti fil-process odjern isemmi wkoll is-sena 2009 (ara fol. 578) huwa xtara sebghin (70) haruf minghand certu Carmel Portelli (li xehed ukoll a fol. 291) u meta nxtraw dawn kellhom biss tlett ijiem. Kemm l-attur Attard kif ukoll dan ix-xhud jinsistu fix-xhieda taghhom li skont huma meta nxtraw dawn il-hrief, legalment, ma kien hemm l-ebda procedura li kellha tigi segwita sabiex isir it-trasferiment u l-hrief jittiehdu f'post iehor ghaliex dejjem skont huma l-hrief kienu taht is-sitt (6) xhur;

2. Illi izda kjarament kemm minn dak dikjarat minn diversi xhieda rapprezentanti tad-Dipartimenti koncernati kif ukoll minn dak li xehed l-iskrivan fil-biccerija responsabbli minn naghag f'Ghawdex Joseph Mifsud fid-diversi versjonijiet tieghu esebiti fl-atti (ara fol. 150 et seq, fol. 153 et seq u fol. 179 et seq) jirrizulta li meta nxtraw il-hrief mill-attur il-ligi kienet u ghadha tirrikjedi li

jigi registrat it-trasferiment taghhom bejn min kien qed ibiegh u min qed jixtri f'dan il-kaz Portelli u l-attur Attard. Jirrizulta wkoll li sabiex dan it-trasferiment seta' debitament isir dawn il-hrief setghu jigu trasferiti biss lill-persuna ohra debitament registrata mal-awtoritajiet sabiex trabbi n-nghag. Dan jirrizulta car ukoll mill-artikolu 5 (1) (a) tal-Avviz Legali 292 tal-2005 li jistipula li 'marki ta' identifikazzjoni ghandhom jigu applikati qabel l-annimali jitilqu mir-razzett fejn jitwieldu.' Dawn ir-restrizzjonijiet kif jirrizulta mill-istess ligi kif ukoll mill-provvedimenti tar-Regolament tal-Unjoni Ewropeja 178/2001 huma ntizi appuntu sabiex ikun hemm traccabilita' tal-annimali li jipprovdu l-ikel inkluz nghag bl-ghan principali li jiprotegu s-sahha pubblika.

3. Jirrizulta lil din il-Qorti li tul il-proceduri kollha l-attur fl-ebda hin ma jikkontesta l-fatt li sa Lulju, 2010 il-hrief tieghu ma kellhomx comba u cioe' mhux registrati. Hemm qbil bejn il-partijiet li kien f'Lulju, 2010 li l-attur kien kellem privatament fil-klinika tieghu lil Dr. Frank Galea u dan irreferih sabiex imur ikelmu fuq il-post tax-xoghol tieghu u cioe' fid-Dipartiment fejn huwa jahdem bhala Veterinarju Ghawdex. Hemm qbil ukoll li l-attur fil-fatt mar ifittex lill-konvenut izda l-ewwel darba ma sabux u sab lil Joseph Mifsud li fi kliem il-konvenut Dr. Frank Galea hija din il-persuna principalment inkarigata mir-registrazzjoni tan-naghag f'Ghawdex u mhux hu ghaliex il-konvenut huwa nkarigat principalment mill-baqar (ara x-xhieda tieghu a fol. 711 tal-process). Is-Sur Joseph Mifsud xehed estensivament f'dawn l-atti u fl-atti annessi u x-xhieda tieghu

lkoll giet prezentata fl-atti. Huwa jinsisti li meta l-attur mar ghandu qatt ma qallu car u tond li huwa gia kellu l-annimali izda fl-aktar xhieda recenti tieghu f'dawn il-proceduri Joseph Mifsud jammetti li kien hemm ghajdut li l-attur seta' gia kellu xi annimali w'anki li hu kellu suspett li Attard kellu xi annimali. L-istess jixhed il-konvenut Dr. Frank Galea fl-ahhar xhieda tieghu quddiem din il-Qorti (ara fol. 756 et seq). Tanti il-konvenut kellu suspett li Attard kien gia qed irabbi li anki giet esebita korrispondenza permezz ta' e-mails li jmorru lura appuntu ghal Lulju 2010 (ara fol. 787 et seq) li da parti tal-awtoritajiet Maltin jsemmu lill-attur bhala persuna suspettata li ghandu naghag mhux registrati fit-terminu ta' sitt xhur stipulati fil-ligi u l-konvenut jirrispondi lura ghall-istess informazzjoni. Il-konvenut izda jibqa' dejjem jinsisti li Attard qatt ma qallu car u tond li gia kellu l-annimali u jikkonferma dak li xehed ukoll ghal diversi drabi Joseph Mifsud tul is-snin li Attard kien mar jistaqsi xi jrid jaghmel biex ikollu l-permess li jrabbi u sabiex ikun jista' jipproduci l-gbejniet. It-tnejn jikkonfermaw li Attard insista li kellu permess precedenti li jmur lura ghas-sena 1996 u li ppruvaw iffittxuh izda dan ma nstabx fuq is-sistema tal-computer tad-dipartiment imsejha 'intertrace' (ara fol. 154 fost orhajn). Joseph Mifsud jikkonferma li kien biss snin wara li prova ta' dan il-permess instab fl-arkivji izda li dan ma kien ser jaghmel l-ebda differenza ghall-posizzjoni tar-registrazzjoni tal-merhla tal-attur stante li skont il-procedura tad-Dipartiment kien meqjus bhala maghluq fi kliemu (sold-out). Dan ghaliex l-istess xhud spjega li meta rahhal debitament licenzjat jiddispondi mill-bhejjem kollha

regisrati allura wara t-trapass ta' certu perijodu jigi maqtugh mis-sistema. Dan jikkonfermah ukoll fix-xhieda tieghu l-konvenut Dr. Frank Galea.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi din il-Qorti fil-kawza odjerna hija rinfaccjata b'allegazzjoni li l-konvenut Dr. Frank Galea fil-vesti tieghu ta' tabib veterinarju nkarigat kiser il-ligi u li ma ghamilx xoghlu lura f'Lulju 2010 u x-xhur sussegwenti sakemm saret il-qatla ta' parti mill-merhla f'Novembru, 2012. Skont l-attur id-danni li allegatament sofra huma kollha konsegwenza tan-nuqqasijiet da parti tal-konvenut Dr. Frank Galea. Nonostante dan fl-atti processwali odjerni tressqu diversi xhieda li jaghmlu referenza biss ghall-gurnata attwali meta saret il-qatla ta' parti mill-merhla fit-3 ta' Novembru, 2012 fosthom mill-anqas sitt bicciera, erbgha li jahdmu Ghawdex u tnejn li jahdmu Malta, kif ukoll id-direttur tad-Dipartiment Joseph Portelli fost orhajn. Dawn kollha kkonfermaw lil din il-Qorti li Dr. Frank Galea ma kienx prezenti ghall-qatla tal-merhla u li l-ordni ghall-qatla kienet inghatat direttament minn Dr. Anthony Gruppetta mid-Dipartiment ta' Malta u mhux mill-konvenut kif fuq kollox tikkonferma u tiddikjara d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell hawn fuq imsemmija datata 29 ta' Jannar, 2016. Tant hu hekk li lkoll jikkonfermaw (almenu dawk li rawh) li kulma kien involut Dr. Frank Galea kien li kien inghata struzzjonijiet li wara li n-naghag jinqatlu u jittiehdu l-biccerija huwa appuntu jaghmel xoghlu u jiehu 'samples' mill-karkassi. Fix-xhieda tieghu a fol. 439 et seq tal-process dak li dak iz-zmien kien id-Direttur tad-Dipartiment tal-Progetti u Zvilupp fil-

Ministeru ghal-Ghawdex is-Sur Joseph Portelli ghamilha cara li l-ordnijiet huwa hadhom minghand Dr. Anthony Gruppetta u li konsegwentement kien hu li ta' l-ordnijiet sabiex tigi ko-ordinata l-qatla. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-veterinarju Dr. Duncan Chetcuti Ganado a fol. 460 tal-process li kien hu li wara li ltaqa' ma' Ganni Attard jirgha n-naghag nhar it-2 ta' Novembru 2010, kien hu li ha l-inizjattiva li jirraporta u jara kif ser jattwa l-ordni minn Malta li jinqatlu. Mhux biss l-istess Dr. Chetcuti Ganado jixhed li meta kellem lil Dr. Frank Galea sabiex jassistieh ghall-qatla dan b'mod kategoriku qallu li ma riedx ikollu x'jaqsam hu u nsista li tinhadem minn Malta kif fuq kollox kienu ilu jinsisti permezz tal-e-mails u messaggi li kopja taghhom giet esebita mill-istess konvenut.

Illi ghalkemm il-provi u x-xhieda fl-atti odjerni huma voluminuzi hafna din il-Qorti tqis li hafna minn dawn il-provi li jirrelataw aktar ghal dak li gara f'Novembru 2012 u wara mhumiex daqshekk rilevanti ghall-kaz odjern stante li jirrizulta (anki mis-sottomissjonijiet tal-attur) li z-zewg punti principali li fuqha l-attur jibbaza l-pretensjonijiet tieghu fil-konfront tal-konvenut huma s-segwenti:

1. Illi l-konvenut fil-posizzjoni tieghu ta' veterinarju fil-biccerija ta' Ghawdex, skont l-attur, kellu l-obbligu li jimxi mad-dettami tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Harsien Xieraq ta' l-Annimali u cioe' li kien kostrett illi jhares, jipprotegi u jsalva l-hajja ta' kull animal w'ghalhekk b'xi mod kellu l-obbligu li jwaqqaf il-qatla f'Novembru, 2012.

2. Illi f'Lulju, 2010 il-konvenut kellu l-possibilita' u l-obbligu li jirregistra l-merhla tal-attur u skont l-attur il-konvenut naqas milli jinforma lis-Superjuri tieghu f'Malta u cioe' lil Dottor Anthony Gruppetta lura fis-sena 2010 bil-merhla bil-konsegwenza li baqghet tippersisti l-illegalita' tal-merhla tal-attur sa Novembru, 2012 u wasslet ghall-qatla ta' kwazi nofsha;

**Eccezzjoni li l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur:**

Illi dwar dawn iz-zewg pretensjonijiet il-konvenut qajjem l-ewwel eccezzjoni li taqra kif isegwi:

*'1. Preliminarjament illi l-eccipjenti, fil-kwalita' tieghu personali, kif imharrek, mhux il-legittimu kuntradittur u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osseranza tal-gudizzju.'*

Illi dwar din l-eccezzjoni l-Qorti tqis li ghandha ssir distinzjoni bejn l-ewwel pretensjoni tal-attur kif bazata ai termini tal-Kapitolu 439 dwar il-Harsien Xieraq ta' l-Annimali u l-pretensjoni l-ohra dwar ir-registrazzjoni tal-merhla.

Irrizulta lil din il-Qorti kemm minn qari tal-Kapitolu 439 innifsu kif ukoll minn dak li xehed l-Onorevoli Segretarju Dr. Roderick Galdes (fol. 134 et seq) kif ukoll Emanuel Buhagiar fil-vesti tieghu kemm ta' xhud okulari meta nstabet il-merhla u konsegwentement bhala Kummissarju ghall-Harsien Xieraq ta' l-Annimali (fol. 493 et seq) li din il-ligi taghmel

distinzjoni bejn trattament ta' annimali domestici u dawk industrijali. Fil-kaz ta' dawk industrijali l-ligi ma tipprovdix li dawn ma ghandhomx jinqatlu stante li appuntu huma ntizi ghall-konsum izda biss li dawn jinqatlu minghajr tbatija. L-istess ligi ma teskludix li annimali industrijali jigu maqtula f'kaz li ma jkunx hemm traccabilita' tal-origini taghhom. Fil-kaz in dizamina rrizulta lill-Qorti b'mod ampju li l-konvenut ma kellu x'jaqsam xejn mal-ordni ghall-qatla tan-naghag in kwistjoni (ara d-decizjoni 114/2012) u fi kwalunkwe kaz jirrizulta li legalment dik l-ordni kienet wahda legittima w'ghaldaqstant il-Qorti tqis li almenu fir-rigward ta' din il-pretensjoni l-eccezzjoni tal-konvenut li mhux il-legittimu kontradittur hija gjustifikata u jisthoqq li tigi milqugha.

Illi izda fir-rigward tal-pretensjonijiet tal-attur fil-konfront tal-konvenut li huwa allegatament naqas milli jaghmel dmiru sew din il-Qorti izda ma taqbilx li l-eccezzjoni li l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur hija gjustifikata stante li appuntu l-attur qed jallega li l-konvenut naqas hu personalment milli jaghmel dak li kien obbligat li jaghmel w'ghalhekk kjarament hemm in-ness rikjest mil-ligi bejn il-pretensjoni attrici u l-konvenut b'dana li minn dan il-lat l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi michuda. Il-Qorti izda taghmilha cara li l-kwistjoni dwar jekk ghandhiex tirnexxi din il-pretensjoni tal-attur fil-mertu ser jigi trattat aktar 'il isfel f'din id-decizjoni.

**Ikkunsidrat ulterjorment fuq il-mertu:**

Illi l-pretensjoni tal-attur ta' danni fil-konfront tal-konvenut (apparti dik ai termini tal-Kap 439 li kif gia nghad ser tigi respinta) hija ghar-raguni li skont hu l-konvenut kien jaf bil-merhla u ma ghamel xejn biex jirregistra, kif skont l-attur il-konvenut kellu l-obbligu li jaghmel.

Illi dwar dan il-punt il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet segwenti:

1. Illi jirrizulta li n-numru kbir ta' naghag li kellu l-attur (cioe' ferm aktar minn erbgha (4)) kien legalment jirrikjedi li sabiex dawn jigu registrati f'ismu huwa jissodisfa diversi kriterji fosthom li d-derivazzjoni tan-naghag ikun registrat qabel ma dawn jigu trasferiti u li sabiex din ir-registrazzjoni setghet effettivament issir l-attur kellu jkun rikonoxxut u fil-pussess tal-licenzji u l-permessi neccessarji sabiex ikun jista' jrabbi naghag, inkluz billi r-razzett fejn ser ikunu mizmuma n-naghag ikun munit bil-permess tal-Awtorita' tal-Ambjent dwar l-Ippjanar.

2. Illi mill-atti jirrizulta li meta l-attur kellem lill-konvenut Galea privatament fil-klinika tieghu f'Lulju, 2010 u konsegwentement mar ukoll l-ufficcju tieghu, il-pretensjoni tieghu sabiex jirregistra l-merhla prezenti dak iz-zmien (merhla li skont hu kienet tikkonsisti fi hrief ta' anqas minn sitt xhur) kienet legalment imminata mill-anqas minn zewg lati:

(i) It-trasferiment tal-hrief minghand is-sid originali u cioe' Carmel Portelli (ara x-xhieda tieghu a fol. 5 tal-process) ma kinitx ghadha saret ghalkemm it-trasferiment reali taghhom kif sehh, tant li kemm l-attur kif ukoll l-istess xhud jinsistu li skont huma din ma kinitx neccessarja;

(ii) Anki li kieku l-attur u Carmel Portelli marru sabiex jirregistraw it-trasferiment favur l-attur dan ma seta' qatt isir la mill-iskrivan Joseph Mifsud li kien direttament inkarigat minn naghag (li jsirilhom ic-comb wara li jivverifika r-registrazzjoni) u lanqas mill-konvenut u minn hadd stante li sa dak il-punt l-attur ma kellux sit debitament licenzjat u awtorizzat mill-Awtorita' tal-Ippjanar u l-awtoritajiet kollha kompetenti sabiex ikun jista' legalment irabbi n-nghag.

Tant hu hekk li l-istess attur fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti lejn l-ahhar tal-process odjern jammetti li sahansitra sal-gurnata li din il-kawza marret ghad-decizjoni huwa kien ghadu mhux fil-pussess tal-permessi neccessarji da parti tal-Awtorita' tal-Ippjanar li jirrikonoxxi l-barriera fejn jidher li minn dejjem inzammu dawn in-nghag bhala post debitament awtorizzat ghat-trobbija tal-istess nghag.

Il-Qorti in vista tal-punti suesposti u fic-cirkustanzi tqis ghalhekk li l-insistenza tal-attur li l-konvenut Dr. Frank Galea kien jaf bl-ezistenza tal-merhla lura f'Lulju, 2010 mihijiex gjustifikata ghas-semplici fatt li anki jekk kellu jittiehed bhala fatt li Dr. Galea kien jaf bil-merhla, xorta wahda legalment il-konvenut ma seta' jaghmel xejn biex jirregistra l-istess merhla kif qed jippretendi l-attur. Anzi jirrizulta mill-atti li l-konvenut, nonostante n-nuqqasijiet gravi da parti tal-attur (cioe' li xtara l-hrief qabel ma seta' legalment jirregistra t-trasferiment taghhom u johodhom f'post mhux debitament awtorizzat), ghamel li seta' sabiex jghin lill-attur fis-sitwazzjoni li kien billi dderigieh sabiex jaghmel dikjarazzjoni tas-sitwazzjoni prezenti tieghu u konsegwentement jkun jista' jghaddiha lill-awtoritajiet Maltin. Fil-fatt jirrizulta li l-konvenut

Galea flimkien ma' Joseph Mifsud ha l-briga li jipprepara ghall-attur abbozz tad-dikjarazzjoni kif kellha tkun (ara x-xhieda tieghu fost ohrajn a fol. 187 tal-process) sabiex l-attur jigborha u jkun jista' jimliha. Kemm Joseph Mifsud u kemm il-konvenut jikkonfermaw diversi drabi fid-diversi drabi li xehdu tul is-snin li ghalkemm huma dderigew lill-attur sabiex jimxi hekk huwa qatt ma mar lura bl-informazzjoni neccessarja sabiex timtela' din id-dikjarazzjoni u tkun tista' tintbaghat lill-awtoritajiet Maltin.

Il-Qorti tirrileva li legalment ma tistax tifhem kif l-attur qed jippretendi li nonostante n-nuqqasijiet gravi da parti tieghu ghandu jkun il-konvenut Galea li jaghmel tajjeb ghad-danni allegatament sofferti minnu konsegwenza li l-merhla baqghet ma gietx registrata.

Il-Qorti wara li rat kelma b'kelma l-atti kollha ta' dan il-process kif ukoll ta' dawk annessi, kif ukoll in vista tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, tqis li ma tista' ssib l-ebda azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni li tista' tigi attribwita lill-konvenut Galea u li konsegwenza taghha ma gietx registrata l-merhla tal-attur. Jirrizulta anzi car li meta l-kaz wasal quddiem il-konvenut Galea (anki jekk kien jaf li Attard kien gia qed irabbi – kif finalment jammetti li kellu suspetti qawwi fl-ahhar xhieda tieghu quddiem din il-Qorti u kif jirrizulta mill-korrispondenza esebita li tmur lura ghal Lulju 2010 bejnhu u Dr. Anthony Gruppetta) dan ma setax legalment jipprocedi sabiex jirregistra jew kif jinghad jitteggja l-merhla in kwistjoni stante li l-attur ma kienx jissodisfa r-rekwiziti tal-ligi. Li kieku l-konvenut ipproceda sabiex jirregistra jew jittaggja allura kien ikun f'dak il-punt li l-konvenut kien ikun qed jikser il-ligi u mhux

bil-kontra. Importanti wkoll f'dan l-istadju li ssir distinzjoni bejn ir-registrazzjoni u li jitwahhal ic-comb man-naghga stante li jirrizulta mill-provi li tressqu quddiem din il-Qorti li:

(i) sabiex tigi awtorizzata registrazzjoni ta' attivita' gdida (anki jekk 'sold out' snin qabel bhal fil-kaz tal-attur) din l-awtorizzazzjoni ma kinitx fir-responsabbiltajiet tal-konvenut izda tal-awtoritajiet f'Malta;
(ii) sabiex il-konvenut seta' jirriderigi li jsiru c-comb fuq il-merhla tal-attur huwa kellu pre-rekwizit fil-ligi li jiccekkja li l-attur huwa registrat fuq is-sistema tad-dipartiment u stante li rrizulta b'mod ampju li ma kienx allura l-konvenut ma setax jawtorizza li jsir dan ic-comb mal-merhla tal-attur.

L-attur jallega wkoll li l-konvenut naqas milli jinforma lill-awtoritajiet f'Malta bil-merhla tal-attur izda mill-atti evidentement jirrizulta li dan mhux minnu stante li gia lura f'Lulju, 2010 (fol. 787 et seq) giet esebita korrispondenza li ssemmi lill-attur bhala persuna li qed trabbi llegalment u minn din johrog car li gia dakinhar l-awtoritajiet f'Malta kienu jafu b'din l-attivita' tant li kitbu lill-konvenut dwarha u l-konvenut anki kitbilhom lura dwarha permezz ta e-mail datata 27 ta' Settembru 2010 (esebita a fol. 791 tal-process). Dawn ixejnu ghal kollox l-allegazzjoni tal-attur li l-awtoritajiet Maltin ma kienux infurmati. Fi kwalunkwe kaz din ma tvarja xejn il-posizzjoni llegali *ab inizio* tal-merhla tal-attur u li legalment timmina kwalunkwe azzjoni konsegwenti ghal danni sofferti kontra kwalunkwe terz.

Illi in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti tqis li l-ewwel talba tal-attur sabiex il-konvenut jigi dikjarat li naqas milli josserva l-ligi u naqas fl-obbligi tieghu illi jaghmel dak kollu necessarju sabiex meta sar jaf bil-merhla tal-attur jirregistra l-istess merhla hija ghal kollox bla bazi stante li l-attur ghandu jaghti t-tort biss fin-nuqqasijiet tieghu stess li wasslu ndubbjament sabiex il-merhla ma setghetx tigi registrata u sal-lum ghadha f'din is-sitwazzjoni w'ghaldaqstant l-ewwel talba ser tigi michuda. L-istess nuqqasijiet tal-attur wasslu ghad-decizjoni mehuda minn Dr. Anthony Gruppetta u mhux mill-konvenut sabiex tigi maqtula l-merhla f'Novembru, 2012 b'dana li anki t-tieni talba attrici kif diretta kontra l-konvenut mihijiex gjuistfika. Konsegwentement ir-responsabbilta' ta' xi danni allegatament sofferti mill-attur se mai tinkombi unikament fuqu stess. Stante li t-tielet u r-raba talba attrici huma konsegwenzjali ghall-ewwel u t-tieni, il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll dawn it-talbiet.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut limitatament b'referenza ghall-pretensjonijiet tal-attur diretti kontra l-konvenut fl-ambitu tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Harsien Xieraq ta' l-Annimali filwaqt li tirrespingiha fil-bqija;

2. Tilqa′ t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut u konsegwentement tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici stante li l-attur jista′ biss ilum lilu nnifsu w′hadd aktar ghad-danni allegatament sofferti minnu u dan in vista tan-nuqqasijiet gravi da parti tieghu li jimminaw it-talbiet attrici *ab inizio.*

In vista ta′ dak suespost ma tqisx li ghandha ghalfejn tinoltra ruhha oltre fil-mertu tar-raba′ u l-hames eccezzjonijiet mqajjma mill-konvenut.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur